

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 176/2012

tal-1 ta' Marzu 2012

li jemenda l-Annessi B, C u D mad-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE dwar ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-bhejjem għall-bruċellosi u l-marda ta' Aujeszzy

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-bhejjem applikabbli għal kummerċ intra-Komunitarju u għall-importazzjonijiet ta' semen ta' bhejjem domestiċi tal-ispeċi tal-majjali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artiklu 17 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 90/429/KEE tistabbilixxi l-kundizzjonijiet dwar is-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ġewwa l-Unjoni u dwar l-importazzjonijiet ta' semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi porċina minn pajjiżi terzi.
- (2) Id-Direttiva 90/429/KEE tistipula li s-semen intenzjonat għall-kummerċ irid ikun inġabar minn annimali domestiċi tal-ispeċi porċina li l-istat ta' saħħa tagħhom ikun konformi mal-Anness B ma' dik id-Direttiva. Il-Kapitolu I tal-Anness B jistipula l-kundizzjonijiet li japplikaw għad-dħul tal-annimali fiċ-ċentri għall-ġbir tas-semen approvati. Il-Kapitolu II ta'dak l-Anness jistabbilixxi t-testijiet ta' rutina obbligatorji għall-annimali li jinżammu f'ċentru approvat għall-ġbir tas-semen.
- (3) Barra minn hekk, id-Direttiva 90/429/KEE tistipula li s-semen intenzjonat għall-kummerċ irid ikun inġabar, ġie pproċessat, maħżun u ttrasportat skont l-Anness C ma' dik id-Direttiva. Dak l-Anness jistipula l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati mis-semen miġbur miċ-ċentri għall-ġbir tas-semen approvati għall-iskopijiet ta' kummerċ ġewwa l-Unjoni. Il-punt 4 tal-Anness C mad-Direttiva 90/429/KEE jistipula li l-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw id-dħul ta' semen minn ċentri tal-ġbir fejn

ċingjali mlaqqma kontra l-marda ta' Aujeszzy jitħallew jidħlu fit-territorju tagħhom, jew f'reġjun fit-teritorju tagħhom, meta dan kien rikonoxxut bħala ħieles mill-marda ta' Aujeszzy.

- (4) Fl-aħħar nett, l-Anness D mad-Direttiva 90/429/KEE jistabbilixxi mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-kummerċ ta' dak il-prodott.
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/185/KE tal-21 ta' Frar 2008 dwar garanziji addizzjonali f'kummerċ intra-Komunitarju tal-majjal rigward il-marda ta' Aujeszzy, u kriterji sabiex jipprovdu informazzjoni dwar din il-marda ⁽²⁾ tistabbilixxi garanziji addizzjonali relatati mal-marda ta' Aujeszzy applikabbli għall-kummerċ tal-ħnieżer ġewwa l-Unjoni. Fl-interess tal-konsistenza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali applikabbli għall-annimali maskili donaturi tal-ispeċi porċina u għas-semen tagħhom, stabbiliti fl-Anness B mad-Direttiva 90/429/KEE, għandhom ikunu konformi mad-Deċiżjoni 2008/185/KE.
- (6) Bl-istess mod, jekk tiddaħħal xi dispożizzjoni fil-punt 4 tal-Anness C mad-Direttiva 90/429/KEE li tobligha lill-Istati Membri biex jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni meta dawn jużaw id-dritt li jirrifjutaw is-semen tal-ispeċi porċina prodott f'ċentri għall-ġbir tas-semen li jżommu annimali tal-ispeċi porċina mlaqqma kontra l-marda ta' Aujeszzy.
- (7) Il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) biex tevalwa kemm huwa addattat it-test tal-antiġeni tal-*Brucella* newtralizzat (it-test rose Bengal) li attwalment huwa l-uniku test awtorizzat għad-dijanjożi tal-bruċellosi fl-Anness B mad-Direttiva 90/429/KEE u biex tagħti opinjoni xjentifika dwar kemm huma addattati t-testijiet dijanjoziċi l-oħra disponibbli għall-inklużjoni f'dak l-Anness.

⁽¹⁾ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 62.⁽²⁾ ĠU L 59, 4.3.2008, p. 19.

- (8) Fil-5 ta' Ġunju 2009, l-EFSA adottat Opinjoni Xjentifika tal-Bord dwar is-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali (AHAW) fuq talba mill-Kummissjoni dwar il-bruċellosi porċina (*Brucella suis*)⁽¹⁾. L-EFSA kkonkludiet li test ta' immunoassorbiment enzimatiċu kompetittiv (cELISA) u test ta' immunoassorbiment enzimatiċu indirett (iELISA) għas-sejba ta' antikorpi kontra l-infezzjoni tal-*Brucella suis* jistgħu jiġu kkunsidrati għall-iskop tal-ittestjar tal-annimali donaturi tal-ispeċi porċina għad-dħul fiċ-ċentri għall-ġbir tas-semen u għat-testijiet ta' rutina obbligatorji matul iż-żjara jew mal-ħruġ minn dawn iċ-ċentri. Għaldaqstant, dawn it-testijiet għandhom ikunu inklużi fl-Anness B mad-Direttiva 90/429/KEE flimkien mat-test tal-antiġeni tal-*Brucella* newtralizzat attwali (it-test rose Bengal).
- (9) Barra minn hekk, il-protokoll stipulat fil-Kapitolu I tal-Anness B mad-Direttiva 90/429/KEE jeħtieġ li jiġi rivedut sabiex ikun eskluż jew ikkonfermat kull suspett ta' bruċellożi mad-dħul tal-annimali fiċ-ċentri għall-ġbir tas-semen u sabiex il-Kapitolu II ta' dak l-Anness jstipula li l-istabbilliment mill-ġdid tal-istat tas-saħħa ta' ċentru għall-ġbir tas-semen għandu jitwettaq taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.
- (10) Jeħtieġ ukoll li l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa jiġi addattat għall-kummerċ ġewwa l-Unjoni ta' semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi porċina kif stipulat fl-Anness D mad-Direttiva 90/429/KEE permezz tal-emendi fl-Annessi B u C. Il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jiġi ppreżentat ukoll skont il-format standardizzat taċ-ċertifikati veterinarji kif stipulat fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 599/2004 tat-30 ta' Marzu 2004 li jikkonċerna l-adozzjoni ta' mudell armonizzat ta' ċertifikat u rapport tal-ispezzjoni marbuta mal-kummerċ intra-Komunitarju fl-annimali u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali⁽²⁾.
- (11) L-annessi B, C u D mad-Direttiva 90/429/KEE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.
- (12) Sabiex jiġi evitat kull tip ta' tfixkil fil-kummerċ, l-użu ta' ċertifikati tas-saħħa tal-annimali maħruġa skont l-Anness D mad-Direttiva 90/429/KEE qabel ma saru l-emendi b'dan ir-Regolament, għandu jkun awtorizzat matul perjodu tranżitorju suġġett għal ċerti kundizzjonijiet.
- (13) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi B, C u D mad-Direttiva 90/429/KEE huma mibdula bit-test stipulat fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Għal perjodu tranżitorju sal-31 ta' Lulju 2012, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw il-kummerċ tas-semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi porċina akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali maħruġ mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2012 skont il-mudell stabbilit fl-Anness D mad-Direttiva 90/429/KEE fil-verżjoni qabel l-emendi introdotti b'dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu jibda japplika mill-1 ta' Ġunju 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Marzu 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ *The EFSA Journal* (2009) 1144, pp. 1-112 (<http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/doc/1144.pdf>).

⁽²⁾ ĠU L 94, 31.3.2004, p. 44.

ANNEX

"ANNEX B

KAPITOLU I

Il-Kundizzjonijiet għad-dħul ta' annimali domestiċi tal-ispeċi porċina f'ċentru għall-ġbir tas-semen

1. L-annimali domestiċi kollha tal-ispeċi porċina ("l-annimali"), minn qabel ma jiddaħħlu fiċ-ċentru għall-ġbir tas-semen, għandhom:
 - 1.1. ikunu ġew soġġetti għall-kwarantina għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum f'akkomodazzjoni approvata speċifikament għal dak l-għan mill-awtorità kompetenti, u fejn ikun hemm preżenti biss annimali li għandhom tal-inqas l-istess stat ta' saħħa ("akkomodazzjoni ta' kwarantina");
 - 1.2. qabel ma jiddaħħlu fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina li hemm referenza għaliha fil-punt 1.1.:
 - 1.2.1. ikunu ntgħażlu minn merħliet jew stabbilimenti:
 - (a) li huma ħielsa mill-bruċellosi skont il-Kapitolu dwar il-bruċellosi porċina tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE);
 - (b) li fihom ma kien preżenti l-ebda animal imlaqqam kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul it-12-il xahar preċedenti;
 - (ċ) li fihom ma nstabtet l-ebda evidenza klinika, seroloġika jew viroloġika tal-marda ta' Aujeszky matul it-12-il xahar preċedenti,
 - (d) li ma jinsabux f'żona ristretta definita skont id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni minħabba xi tifqigħa ta' marda infettiva jew kontaġġjuża tal-majjali domestiċi, inklużi l-marda tal-ilsien u d-dwiefer, il-marda vesikulari tal-ħnieżer, l-istomatite vesikulari, id-deni klassiku tal-ħnieżer u d-deni Afrikan tal-ħnieżer;
 - 1.2.2. preċedentement ma jkunux inżammu f'xi merħla bi stat ta' saħħa inferjuri għal dak deskritt fil-punt 1.2.1.;
 - 1.3. fi żmien 30 jum qabel ma jiddaħħlu fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina li hemm referenza għaliha fil-punt 1.1. ikunu ġew soġġetti għal dawn it-testijiet, imwettqa skont l-istandards stabbiliti jew imsemmija fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti, b'riżultati negattivi:
 - (a) fir-rigward tal-bruċellożi, test tal-antiġeni tal-*Brucella* newtralizzat (it-test rose Bengal), jew cELISA jew iELISA,
 - (b) fir-rigward tal-marda ta' Aujeszky,
 - (i) fil-każ ta' annimali mhux imlaqqma, ELISA għas-sejba tal-antikorpi kontra l-virus intier tal-marda ta' Aujeszky jew kontra l-glikoproteina B (ADV-gB) jew il-glikoproteina D (ADV-gD) jew test tan-newtralizzazzjoni tas-serum;
 - (ii) fil-każ ta' annimali mlaqqma bil-vaċċin gE mħassar, ELISA għas-sejba tal-antikorpi kontra l-glikoproteina E (ADV-gE) tal-virus tal-marda ta' Aujeszky;
 - (ċ) fir-rigward tad-deni klassiku tal-ħnieżer, test ELISA għall-antikorpi jew test tan-newtralizzazzjoni tas-serum.

Jekk xi annimali jirriżultaw pożittivi fit-test għall-bruċellożi imsemmi fil-(a), annimali b'riżultati negattivi fl-istess stabbiliment ma għandhomx jiddaħħlu fl-akkomodazzjoni tal-kwarantina sakemm ikun ikkonfermat li l-istat tal-merħliet jew tal-istabbilimenti tal-orijini tar-reatturi pożittivi jkunu ħielsa mill-bruċellożi.

L-awtorità kompetenti tista' tagħti l-awtorizzazzjoni għat-testijiet li hemm referenza għalihom f'dan il-punt u li għandhom jitwettqu fl-akkomodazzjoni tal-kwarantina, sakemm ir-riżultati jkunu magħrufa qabel il-bidu tal-perjodu ta' kwarantina stipulat fil-punt 1.1.

Rigward il-marda ta' Aujeszky, it-testijiet seroloġiċi mwettqa skont din id-Direttiva għandhom jilhqg l-istandards stabbiliti fl-Anness III mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/185/KE tal-21 ta' Frar 2008 dwar garanzji addizzjonali f'kummerċ intra-Komunitarju tal-majjal rigward il-marda ta' Aujeszky, u kriterji sabiex jipprovdu informazzjoni dwar din il-marda⁽¹⁾.

(¹) ĠU L 59, 4.3.2008, p. 19.

1.4. kienu soġġetti għat-testijiet li ġejjin imwettqa fuq kampjuni miġbura matul l-aħħar 15-il jum tal-perjodu ta' kwarantina stipulat fil-punt 1.1.:

(a) fir-rigward tal-bruċellożi, test tal-antiġeni tal-*Brucella* newtralizzat (it-test rose Bengal), jew cELISA jew iELISA,

(b) fir-rigward tal-marda ta' Aujeszky,

(i) fil-każ ta' annimali mhux imlaqqma, ELISA għas-sejba ta' antikorpi kontra l-virus intier tal-marda ta' Aujeszky jew kontra l-glikoproteina B (ADV-gB) tiegħu jew il-glikoproteina D (ADV-gD) jew test tan-newtralizzazzjoni tas-serum;

(ii) fil-każ ta' annimali mlaqqma bil-vaċċin gE mħassar, ELISA għas-sejba ta' antikorpi kontra l-glikoproteina E (ADV-gE) tal-virus tal-marda ta' Aujeszky.

Jekk xi annimali jirriżultaw pożittivi fit-testijiet għall-bruċellosi msemmija fil-(a) u s-suspett tal-bruċellosi ma jkunx ġie eskluż skont il-punt 1.5.2. dawk l-annimali għandhom jitneħħew minnufih mill-akkomodazzjoni tal-kwarantina.

Jekk xi annimali jirriżultaw pożittivi fit-testijiet għall-marda ta' Aujeszky msemmija fil-(b), dawk l-annimali għandhom jitneħħew minnufih mill-akkomodazzjoni tal-kwarantina.

Fil-każ fejn grupp ta' annimali jkun fil-kwarantina, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tassigura li l-annimali li jkun fadal, u li jkunu rriżultaw negattivi għat-testijiet imsemmija fl-(a) u fil-(b), ikollhom stat ta' saħħa sodisfaċenti qabel ma jiddaħħlu fiċ-ċentru għall-ġbir tas-semen skont dan l-Anness.

1.5. Il-miżuri meħuda fil-każ ta' suspett ta' bruċellosi:

1.5.1. Dan il-protokoll għandu jkun implimentat fir-rigward ta' annimali li jirriżultaw pożittivi għall-bruċellożi fit-test imsemmi fil-punt 1.4.(a):

(a) is-sera pożittivi huma soġġetti għal mill-anqas wieħed mit-testijiet alternattivi stipulati fil-punt 1.4.(a) li ma jkunx twettaq fuq il-kampjuni msemmija fil-punt 1.4.,

(b) titwettaq inkjesta epidemijoloġika fuq l-istabbiliment(i) tal-orijini tal-annimali li jkollhom reazzjoni,

(c) fuq l-annimali li jkunu rriżultaw pożittivi fit-testijiet imsemmija fil-punti 1.4.(a) u 1.5.1.(a), mill-anqas wieħed mit-testijiet li ġejjin għandu jitwettaq fuq il-kampjuni miġbura mill-anqas sebat ijiem wara d-data tal-ġbir tal-kampjuni msemmija fil-punt 1.4.:

(i) test tal-antiġeni tal-*Brucella* newtralizzat (it-test Rose Bengal);

(ii) test tal-agglutinazzjoni tas-serum;

(iii) test ta' fissazzjoni kumplimentari;

(iv) cELISA;

(v) iELISA.

1.5.2. Is-suspett ta' bruċellosi għandu jiġi eskluż sakemm:

(a) jew ir-repetizzjoni tal-ittestjar imsemmi fil-punt 1.5.1.(a) jkun ta riżultat negattiv, l-inkjesta epidemijoloġika fl-istabbiliment(i) tal-orijini ma urietx il-preżenza ta' bruċellożi porċina u t-test msemmi fil-punt 1.5.1.(c) twettaq u jkun ta riżultat negattiv; jew inkella

(b) l-inkjesta epidemijoloġika fl-istabbiliment(i) tal-orijini ma urietx il-preżenza ta' bruċellożi porċina u l-annimali kollha li taw riżultat pożittiv fit-test imsemmi fil-punti 1.5.1(a) jew (c) kienu soġġetti b'riżultati negattivi f'kull każ għal eżami *post-mortem* u test għall-identifikazzjoni tal-aġent għall-bruċellożi porċina.

1.5.3. Wara li s-suspett ta' bruċellożi jiġi eskluż, l-annimali kollha mill-akkomodazzjoni ta' kwarantina msemmija fit-tieni paragrafu tal-punt 1.4. jistgħu jiddaħħlu fiċ-ċentru għall-ġbir tas-semen.

2. It-testijiet kollha għandhom jitwettqu fl-laboratorju approvat.

3. L-annimali jistgħu jiddaħħlu fiċ-ċentri għall-ġbir tas-semen bil-permess espress tal-veterinarju taċ-ċentru. Il-movimenti kollha tal-annimali, li jidħlu fiċ-ċentru għall-ġbir tas-semen u joħorġu minnu, għandhom jiġu rreġistrati.
4. L-ebda annimal ma għandu juri xi sinjali kliniċi ta' mard fid-data li jitħalla jidħol fiċ-ċentru għall-ġbir tas-semen.
5. L-annimali kollha għandhom, mingħajr ħsara għall-punt 6, ikunu ġejjin direttament mill-akkomodazzjoni ta' kwarantana li, fid-data tal-kunsinna, tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) ma tinstabx f'żona ristretta ddefinita skont id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni minħabba xi tifqigħa ta' marda infettiva jew kontaġġjuża tal-majjali domestiċi, inklużi l-marda tal-ilsien u d-dwiefer, il-marda vesikulari tal-ħnieżer, l-istomatite vesikulari, id-deni klassiku tal-ħnieżer u d-deni Afrikan tal-ħnieżer;
 - (b) ma tkun irreġistrata l-ebda xhieda klinika, seroloġika, viroloġika jew patoloġika tal-marda ta' Aujeszky għall-aħħar 30 jum qabel id-data ta' konsenja.
6. L-annimali jistgħu jiġu trasferiti direttament minn ċentru għall-ġbir tas-semen għall-ieħor bi stat ta' saħħa ugwali mingħajr kwarantana jew testijiet, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 5 huma ssodisfati u t-testijiet ta' rutina obbligatorji msemmija fil-Kapitolu II ikunu twestqu matul it-12-il xahar qabel id-data tat-trasferiment.

Dawn l-annimal inkwistjoni ma għandhomx jiġu f'kontatt dirett jew indirett ma' bhejjem tal-ifrat li huma fi stat ta' saħħa inferjuri u l-mezz ta' trasport użat għandu jkun iddiżinfettat qabel ma jintuża.
7. Għall-iskop tal-punt 6 u fil-każ ta' kummerċ bejn l-Istati Membri, l-annimali għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali tal-speċi porċina għal tgħammir skont il-Mudell 2 fl-Anness F mad-Direttiva 64/432/KEE, b'waħda mill-garanziji addizzjonali li ġejjin, li tikkorrispondi mal-istat tagħhom, li qed jiġu ċċertifikati billi jiżdied dan li ġej mat-Taqsima C ta' dak iċ-ċertifikat:

"7. L-annimali jiġu direttament minn

⁽¹⁾jew [ċentru għall-ġbir tas-semen li jkun konformi mad-Direttiva 90/429/KEE.]

⁽¹⁾jew [akkomodazzjoni ta' kwarantana u huma konformi mal-kundizzjonijiet għad-dħul fiċ-ċentri għall-ġbir tas-semen stipulati fil-Kapitolu I tal-Anness B mad-Direttiva 90/429/KEE.]

⁽¹⁾jew [stabiliment fejn kienu għaddew mill-protokoll li jippreċedi d-dħul fil-kwarantana u huma konformi mal-kundizzjonijiet għad-dħul fil-kwarantana stipulati fil-punti 1.2 u 1.3 u fil-punt 2 tal-Kapitolu I tal-Anness B mad-Direttiva 90/429/KEE.]"

KAPITOLU II

Testijiet ta' rutina obbligatorji għall-annimali miżmuma f'ċentru għall-ġbir tas-semen

1. It-testijiet ta' rutina obbligatorji għandhom jitwettqu kif ġej:
 - 1.1. L-annimali kollha f'ċentru għall-ġbir tas-semen għandhom ikunu soġġetti għat-testijiet b'riżultati negattivi li ġejjin:
 - (a) fir-rigward tal-bruċellożi, test tal-antiġeni tal-*Brucella* newtralizzat (it-test rose Bengal), jew cELISA jew iELISA;
 - (b) fir-rigward tal-marda ta' Aujeszky,
 - (i) fil-każ ta' annimali mhux imlaqqma, ELISA għas-sejba ta' antikorpi kontra l-virus intier tal-marda ta' Aujeszky jew kontra l-glikoproteina B (ADV-gB) tiegħu jew il-glikoproteina D (ADV-gD) jew test tan-newtralizzazzjoni tas-serum;
 - (ii) fil-każ ta' annimali mlaqqma bil-vaċċin gE mħassar, ELISA għas-sejba ta' antikorpi kontra l-glikoproteina E (ADV-gE) tal-virus tal-marda ta' Aujeszky;
 - (c) fir-rigward tad-deni klassiku tal-ħnieżer, test ELISA għall-antikorpi jew test tan-newtralizzazzjoni tas-serum.
 - 1.2. It-testijiet stabbiliti fil-punt 1.1. għandhom jitwettqu fuq kampjuni meħuda:
 - (a) mill-annimali kollha eżatt qabel ma dawn joħorġu miċ-ċentru għall-ġbir tas-semen, jew mal-wasla tagħhom fil-biċċerija, u fl-ebda każ aktar tard minn 12-il xahar wara d-data tad-dħul tagħhom fiċ-ċentru għall-ġbir tas-semen, jew

(b) kull tliet xhur għal mill-inqas 25 % tal-annimali fiċ-ċentru għall-ġbir tas-semen u l-veterinarju taċ-ċentru għandu jassigura li l-annimali inklużi fil-kampjun huma rappreżentattivi tal-popolazzjoni totali ta' dak iċ-ċentru, partikolarment rigward il-gruppi tal-età u l-akkomodazzjoni.

- 1.3. Fil-post fejn isir l-ittestjar skont il-punt 1.2.(b), il-veterinarju taċ-ċentru għandu jkun żgur li l-annimali kollha jkunu ttestjati skont il-punt 1.1. tal-anqas darba matul il-waqfa ta' għom fiċ-ċentru għall-ġbir tas-semen u tal-inqas kull 12-il xahar mid-data tad-dħul, jekk il-waqfa ta' għom taqbeż it-12-il xahar.
2. It-testijiet kollha għandhom jitwettqu fl-laboratorju approvat.
3. Jekk uħud mit-testijiet stipulati fil-punt 1.1. jirriżultaw fil-pożittiv, l-annimali għandhom jiġu iżolati u s-semen miġbur minnhom sa minn meta kien hemm l-aħħar test negattiv ma jistax ikun soġġett għall-kummerċ ġewwa l-Unjoni.

Is-semen miġbur minn kull annimal fiċ-ċentru għall-ġbir tas-semen mid-data tal-aħħar test negattiv ta' dak l-annimal għandu jinżamm f'ħażna separata u ma għandux ikun soġġett għall-kummerċ ġewwa l-Unjoni sakemm l-istat ta' saħħa ta' dak iċ-ċentru ikun ġie stabbilit mill-ġdid taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

ANNEX C

Kundizzjonijiet għal semen miġbur f'ċentru għall-ġbir tas-semen u maħsub għall-kummerċ ġewwa l-Unjoni

1. Is-semen irid jinkiseb minn annimali li:
 - (a) ma juru l-ebda sinjal kliniku ta' mard fid-data ta' meta jkun inġabar is-semen;
 - (b) ma jkunux imlaqqma kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer;
 - (c) jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitolu I tal-Anness B;
 - (d) ma jitħallewx iservu b'mod naturali;
 - (e) jinżammu f'ċentri għall-ġbir tas-semen li ma jinstabux f'żona ristretta ddefinita skont id-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni tal-Unjoni minħabba xi tifqigħa ta' xi marda infettiva jew kontaġġjuża tal-majjali domestiċi, inklużi l-marda tal-ilsien u d-dwiefer, il-marda vesikulari tal-ħnieżer, l-istomatite vesikulari, id-deni klassiku tal-ħnieżer u d-deni Afrikan tal-ħnieżer;
 - (f) jinżammu f'ċentri għall-ġbir tas-semen li fil-h ma tkun instabet l-ebda evidenza tal-marda ta' Aujeszky kemm jekk klinika, seroloġika, viroloġika jew patoloġika matul il-perjodu ta' 30 jum immedjatament qabel id-data tal-ġbir.
2. Taħlita effettiva ta' antibijotiċi, partikolarment kontra l-leptospiri, għanda tiġi miżjuda mas-semen wara d-dilwizzjoni finali jew mal-materjal tad-dilwizzjoni.

Fil-każ ta' semen iffriżat, l-antibijotiċi għandhom ikunu miżjuda qabel ma s-semen jiġi ffriżat.
- 2.1. It-taħlita ta' antibijotiċi msemmija fil-punt 2, għandha tipproduċi effett li tal-anqas ikun ekwivalenti għal din il-konċentrazzjoni fis-semen dilwit finali:
 - (a) mhux anqas minn 500 µg ta' streptomycin għal kull ml tad-dilwizzjoni finali;
 - (b) mhux anqas minn 500 IU ta' peniċillina għal kull ml tad-dilwizzjoni finali;
 - (c) mhux anqas minn 150 µg ta' linkomicina għal kull ml tad-dilwizzjoni finali;
 - (d) mhux anqas minn 300 µg ta' streptomycin għal kull ml tad-dilwizzjoni finali;
- 2.2. Immedjatament wara ż-żieda tal-antibijotiċi, is-semen dilwit għandu jinżamm f'temperatura ta' mill-anqas 15 °C għal perjodu ta' mhux anqas minn 45 minuta.

3. Is-semen maħsub għall-kummerċ ġewwa l-Unjoni għandu:
 - (a) jinħażen kif stabbilit fil-punt 2(d) tal-Kapitolu I u l-punt 6(a), (b), (c) u (f) tal-Kapitolu II tal-Anness A qabel id-dispaċċ;
 - (b) ikun ittrasportat lejn l-Istat Membru tad-destinazzjoni f'kontenituri li jkunu tnaddfu u ġew iddiżinfettati jew sterilizzati qabel l-użu u li jkunu ġew issiġillati qabel id-dispaċċ miċ-ċentru għall-ġbir tas-semen.
4. L-Istati Membri jistgħu jiċħdu d-dħul ta' semen minn ċentri tal-ġbir fejn ikunu aċċettati animali mlaqqma kontra l-marda ta' Aujeszky, fit-territorju tagħhom jew f'reġjun tat-territorju tagħhom, meta dawn ikunu rikonoxxuti bħala ħielsa mill-marda ta' Aujeszky skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 64/432/KEE.

L-Istati Membri li għandhom il-ħsieb li jagħmlu użu mid-dispożizzjonijiet fl-ewwel paragrafu għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra qabel l-applikazzjoni tagħhom.

ANNEX D

**Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-animali għall-kummerċ tas-semen ta' animali domestiċi tal-ispeċi porċina
għewwa l-Unjoni**

L-UNJONI EWROPEA

Ċertifikat għall-kummerċ għewwa l-Unjoni

Parti I: Dettalji tal-kunsinna ppreżentata	I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Kodiċi postali		I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat		I.2.a. Nru ta' referenza lokali			
			I.3. Awtorità kompetenti ċentrali					
			I.4. Awtorità kompetenti lokali					
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi postali		I.6.					
			I.7.					
	I.8. Pajjiż tal-orijini	Kodiċi ISO	I.9. Reġjun ta' orijini	Kodiċi	I.10. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.11. Reġjun tad-destinazzjoni	Kodiċi
	I.12. Post tal-orijini Ċentru tas-semen <input type="checkbox"/> Isem Indirizz Kodiċi postali		Numru tal-approvazzjoni		I.13. Post tad-destinazzjoni Ċentru tas-semen <input type="checkbox"/> Stabbiliment <input type="checkbox"/> Isem Address Kodiċi postali		Numru tal-approvazzjoni	
	I.14.		I.15.					
	I.16. Mezz ta' trasport Ajruplan <input type="checkbox"/> Vapur <input type="checkbox"/> Vagun tal-ferrovija <input type="checkbox"/> Vettura tat-triq <input type="checkbox"/> Mezz ieħor <input type="checkbox"/> Identifikazzjoni		I.17.					
	I.18. Deskrizzjoni tal-prodott				I.19. Kodiċi tal-komodità (Kodiċi HS) 05 11 99 85		I.20. Kwantità	
I.21. Temperatura tal-prodotti Ambjent <input type="checkbox"/> Imkessaħ <input type="checkbox"/> Iffriżati <input type="checkbox"/>				I.22. Għadd ta' pakketti				
I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitur				I.24. Tip ta' imballaġġ				
I.25. Komoditajiet iċċertifikati għal: Riproduzzjoni artifiċjali <input type="checkbox"/>								
I.26. Tranżitu minn ġo pajjiż terz <input type="checkbox"/> Pajjiż terz Punt tal-fruġ Punt tad-dħul		Kodiċi ISO Kodiċi Nru tal-BIP	I.27. Tranżitu minn ġo Stati Membri <input type="checkbox"/> Stat Membru Stat Membru Stat Membru			Kodiċi ISO Kodiċi ISO Kodiċi ISO		
I.28. Esportazzjoni <input type="checkbox"/> Pajjiż terz Punt tal-fruġ		Kodiċi ISO Kodiċi	I.29.					
I.30.								
I.31. Identifikazzjoni tal-komoditajiet								
Speċi (Isem xjentifiku)		Razza	Identità tad-donatur	Id-data tal-ġbir	Numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru	Kwantità		

L-UNJONI EWROPEA

Semen porċina

Parti II: Ċertifikazzjoni	II.	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b. Numru tar-referenza lokali
	<p>Tagħrif dwar is-saħħa</p> <p>Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li s-semen deskritt hawn fuq kien:</p> <p>II.1. inġabar, ġie pproċessat u nħażen fiċ-ċentru għall-ġbir tas-semen ⁽²⁾ approvat u ssorveljat mill-awtorità kompetenti skont il-Kapitolu I u l-Kapitolu II tal-Anness A mad-Direttiva 90/429/KEE;</p> <p>⁽¹⁾ jew II.2. inġabar f'ċentru għall-ġbir tas-semen li fih biss annimali li ma tlaqqmox kontra l-marda ta' Aujeszky u li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Anness B mad-Direttiva 90/429/KEE;]</p> <p>⁽¹⁾⁽³⁾ u/jew II.2. inġabar f'ċentru għall-ġbir tas-semen li fih l-annimali kollha jew f'tit minnhom tlaqqmu kontra l-marda ta' Aujeszky permezz tal-vaċċin gE imħassar u jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Anness B mad-Direttiva 90/429/KEE;]</p> <p>II.3. inġabar, ġie pproċessat, inħażen u ġie ttrasportat f'kundizzjonijiet li jikkonformaw mal-istandards stabbiliti fl-Anness C mad-Direttiva 90/429/KEE;</p>		
	<p>Rimarki</p> <p>Parti I:</p> <p>Kaxxa I.12.: <i>il-Post tal-orijini</i> għandu jikkorrispondi maċ-ċentru għall-ġbir tas-semen [kif iddefinit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 90/429/KEE] tad-dispaċé tas-semen.</p> <p>Kaxxa I.13.: <i>il-Post tad-destinazzjoni</i> għandu jikkorrispondi maċ-ċentru għall-ġbir tas-semen [kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 90/429/KEE], jew mal-istabbiliment tad-destinazzjoni tas-semen.</p> <p>Kaxxa I.23.: <i>L-Identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill</i> għandhom jiġu indikati.</p> <p>Kaxxa I.31.: <i>L-Identità tad-donatur</i> għandha tinkludi l-marka uffiċjali tal-identifikazzjoni tal-annimali skont id-Direttiva tal-Kunsill 2008/71/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-fnieżer (ĠU L 213, 8.8.2008, p. 31). <i>Id-Data tal-ġbir</i> għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj/xx/ssss. <i>In-Numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru</i> għandu jikkorrispondi man-numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru għall-ġbir tas-semen minn fejn ikun inġabar is-semen.</p> <p>Parti II:</p> <p>⁽¹⁾ ħassar kif xieraq.</p> <p>⁽²⁾ Ċentri għall-ġbir tas-semen approvati u elenkati biss skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animal/approved_establishments/establishments_vet_field_en.htm</p> <p>⁽³⁾ Din l-għażla għandha titħassar f'każ li l-Istat Membru tad-destinazzjoni, jew xi reġjun tiegħu, huwa ħieles mill-marda ta' Aujeszky skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 64/432/KEE, għarraf lill-Kummissjoni skont il-punt 4 tal-Anness C mad-Direttiva 90/429/KEE u huwa elenkat fil-websajt li ġejja: http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/porcine/index_en.htm</p> <p>Il-kulur tat-timbru u l-firma jridu jkunu differenti minn dak tad-dettalji l-oħra taċ-ċertifikat.</p>		
	<p>Il-veterinarju uffiċjali</p> <p>Isem (b'ittri kapitali):</p> <p>Unità veterinarja lokali:</p> <p>Data:</p> <p>Timbru:"</p> <p>Kwalifika u titlu:</p> <p>Nru tal-LVU:</p> <p>Firma:</p>		